

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Basilicata (l-Italja) fl-10 ta' Awwissu 2017 – Olympus Italia Srl vs Istituto di Ricovero e Cura a Carattere Scientifico – Centro di Riferimento Oncologico della Basilicata di Rionero in Vulture (I.R.C.C. S. CROB)**

(Kawża C-486/17)

(2017/C 374/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per la Basilicata

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Olympus Italia Srl

Konvenut: Istituto di Ricovero e Cura a Carattere Scientifico – Centro di Riferimento Oncologico della Basilicata di Rionero in Vulture (I.R.C.C.S. CROB)

**Domanda preliminari**

Il-prinċipji [tad-dritt tal-Unjoni Ewropea] ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, flimkien mal-prinċipji ta' moviment liberu tal-merkanzija, ta' libertà ta' stabbiliment u ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll il-prinċipji li jirriżultaw minnhom, bħall-ugwaljanza fit-trattament, in-nondiskriminazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku, il-proporzjonalità u t-trasparenza, previsti fid-Direttiva 2014/24/UE <sup>(1)</sup>, jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali, bħal-leġislazzjoni Taljana bbażata fuq id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 95(10) u 83(9) tad-Digriet Leġislattiv Nru 50/2016, skont liema n-nuqqas ta' indikazzjoni separata tal-ispejjeż ta' sigurtà tal-impriża, fl-offerti ekonomiċi ta' proċedura ta' għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi, tiddetermina fi kwalunkwe każ l-esklużjoni tal-offerenti mingħajr il-possibbiltà ta' għajnuna fit-tfassil tad-dokumenti ("soccorsu istruttorio"), inkluż fil-każ fejn l-obbligju sabiex jiġu indikati separatament dawn l-ispejjeż ma kienx ġie speċifikat fil-formola annessa qabel intużat u tlestiet għat-tressiq tal-offerti, u dan indipendentement mill-fatt li, mill-perspettiva tal-mertu, l-offerta tosserva l-ispejjeż minimi ta' sigurtà tal-impriża?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014, dwar l-akkwist pubbliku [kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, p. 65).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fl-10 ta' Awwissu 2017 – proċeduri kriminali kontra Alfonso Verlezza et**

(Kawża C-487/17)

(2017/C 374/23)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Alfonso Verlezza, Riccardo Traversa, Irene Cocco, Francesco Rando, Carmelina Scaglione, Francesco Rizzi, Antonio Giuliano, Enrico Giuliano, Refecta Srl, E. Giovi Srl, Vetreco Srl, SE.IN Srl

**Domandi preliminari**

1) L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/955/UE <sup>(1)</sup> kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 1357/2014 <sup>(2)</sup> għandhom jiġu interpretati, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskart taħt kodiċijiet mera fis-sens li, fejn il-kompożizzjoni tal-iskart ma tkunx magħrufa, il-produttur tal-iskart għandu jwettaq il-karatterizzazzjoni minn qabel tiegħu u, jekk hu hekk, f'liema limiti?

- 2) It-tiftix ta' sustanzi perikolużi għandu jsir skont metodi uniformi predeterminati?
- 3) It-tiftix ta' sustanzi perikolużi għandu jkun ibbażat fuq verifika preċiża u rappreżentattiva li tiegħu inkunsiderazzjoni l-kompożizzjoni tal-iskart, jekk din il-kompożizzjoni tkun diġà magħrufa jew identifikata matul il-fażi ta' karatterizzazzjoni, jew inkella għandha titwettaq skont kriterji ta' probabbiltà, fid-dawl tas-sustanzi li jistgħu raġonevolment jeżistu fl-iskart?
- 4) F'każ ta' dubju jew li ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat b'ċertezza jekk hemmx jew ma hemmx sustanzi perikolużi fl-iskart, dan tal-aħħar għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi kklassifikat u kkunsidrat bħala skart perikoluż, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni?

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE, tat-18 ta' Diċembru 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 370, p. 44).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1357/2014, tat-18 ta' Diċembru 2014, li jieħu post l-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li jħassar ċertu Direttivi (ĠU 2014, L 365, p. 89).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fl-10 ta' Awwissu 2017 – proċeduri kriminali kontra Carmelina Scaglione**

(Kawża C-488/17)

(2017/C 374/24)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Parti fil-kawża prinċipali**

Carmelina Scaglione

**Domandi preliminari**

- 1) L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/955/UE <sup>(1)</sup> kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 1357/2014 <sup>(2)</sup> għandhom jiġu interpretati, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskart taħt kodiċijiet mera fis-sens li, fejn il-kompożizzjoni tal-iskart ma tkunx magħrufa, il-produttur tal-iskart għandu jwettaq il-karatterizzazzjoni minn qabel tiegħu u, jekk hu hekk, f'liema limiti?
- 2) It-tiftix ta' sustanzi perikolużi għandu jsir skont metodi uniformi predeterminati?
- 3) It-tiftix ta' sustanzi perikolużi għandu jkun ibbażat fuq verifika preċiża u rappreżentattiva li tiegħu inkunsiderazzjoni l-kompożizzjoni tal-iskart, jekk din il-kompożizzjoni tkun diġà magħrufa jew identifikata matul il-fażi ta' karatterizzazzjoni, jew inkella għandha titwettaq skont kriterji ta' probabbiltà, fid-dawl tas-sustanzi li jistgħu raġonevolment jeżistu fl-iskart?
- 4) F'każ ta' dubju jew li ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat b'ċertezza jekk hemmx jew ma hemmx sustanzi perikolużi fl-iskart, dan tal-aħħar għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi kklassifikat u kkunsidrat bħala skart perikoluż, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni?

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE, tat-18 ta' Diċembru 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 370, p. 44).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1357/2014, tat-18 ta' Diċembru 2014, li jieħu post l-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li jħassar ċertu Direttivi (ĠU 2014, L 365, p. 89).